# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-21 ta' Gunju 2002**

**Citazzjoni numru 743/00 GC**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf erba' mija u sebgha u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1437.70), ammont rapprezentanti hlas ta' akkomadazzjoni diversa u sevizzi ancillari suppliti mis-socjeta' attrici fuq ordni ta'istess socjeta' konvenuta gewwa l-Lukanda Best Western Les Lapins. Ta' Xbiex Yacht Marina Ta' Xbiex;

Illi is-socjeta' konvenuta baqghat ma hallsitx dan l-ammont minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghanda ebda eccezjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonjiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex:-

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' elf erba' mija u sebgha u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm 1437.70), lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Frar 2000 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1258/00 u bl-interessi kummercjali li jiddekoru mid-data meta gie rez is-servizz sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi t-talba attrici hija intempestiva stante illi skond l-uzu tal-kummerc ezercitat bejn is-socjetajiet kontendenti, u cioe' dak ta'lukandiera, l-ammont kellu jithallas mis-socjeta' eccipjenti meta hi tircievi l-hlas minghand it-tour operators li originaw in-negozju, liema hlas ghadu ma giex kollu saldat;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespot, l-ammont pretiz minghand is-socjeta' eccipjenti huwa eccessiv stante illi sar pagament jew pagamenti akkont;

Illi, in vista tas-suespost, is-socjeta' eccipjenti lanqas ghandha tbati spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-25 ta' Jannar 2001 li biha giet ridotta t-talba bl-ammont ta' erba mija u sebgha u hamsin liri maltin u sebghin centezmu (Lm457.70) ghas-somma ta' disa mija u tmenin liri maltin (Lm980) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Ottubru 2001 u tal-25 ta' Marzu 2002 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta ddikjarat li hi rceviet il-hlassijiet kollha minn barra minn Malta u ghalhekk hi f'posizzjoni li thallas lis-socjeta attrici dak li hu lilha dovut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless tal-provi prodotti, inkluz dak li gie dikjarat mis-socjeta konvenuta fil-kors tas-seduti tas-16 ta' Ottubru 2001 u tal-25 ta' Marzu 2002, it-talbiet attrici, kif ridotti, jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas is-socjeta attrici is-somma ta' disa mija u tmenin liri maltin (Lm980) rapprezentanti hlas ta’ akkomadazzjoni diversa u sevizzi ancillari suppliti mis-socjeta’ attrici fuq ordni ta’ istess socjeta’ konvenuta gewwa l-Lukanda Best Western Les Lapins, Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data meta gie rez is-servizz sad-data tal-hlas effettiv;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.